**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Vs**

**Joseph Navarro**

**Illum 10 ta 'Diċembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta '**Joseph Navarro**, ta 'sitta u għoxrin (26) sena, iben James Navarro u Simone neè Buttiġieg, imwieled fis-16 ta 'Novembru 1998, il-Pietà, residenti ġewwa fond Nru. 22, "Ir-Rampila", Triq il-Bramel, Swieqi, Malta, u detentur tal-Karta ta 'l-Identità bin-Numru 0426598M, talli nhar it-2 ta ' Diċembru 2024, u fil-ġurnata ta 'qabel u cioè fl-1 ta 'Diċembru 2024, f'diversi ħinijiet differenti u f'diversi postijiet f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fħ'inijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Għamel inġurji u theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-eks sieħba tiegħu, u cioè Mandy Formston jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ 'il barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

2. Permezz ta 'xi network jew apparat ta 'kommunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil eks sieħba tiegħu Mandy Formston, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

U aktar talli nhar it-2 ta 'Diċembru 2024 bejn il-ħinijiet tas-06:15 a.m. (ta 'filgħodu) u s-06:45 a.m. (ta 'filgħodu) ġewwa l-Belt Valletta:

3. Volontrajament kiser il-paċi pubblika u/jew il-bon ordni b'għajjat u ġlied;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) toħroġ Ordni ta 'Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra Joseph Navarro għal benefiċċju ta 'Mandy Formston u l-familjari tagħha, u dan ai termini ta 'l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta; (ii) f'każ taħ 'tija, sabiex tipprovdi għall-perunsa ta' Mandy Formston jew sabiex

jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Joseph Navarro b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, għal żmien li tħoss xieraq; (iii) f'każ taħ 'tija, tikkundanna lil Joseph Navarro għall-ħlas ta 'spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta 'Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat, mistoqsi mill-Qorti x'jwieġeb għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, wieġeb li huwa ħati ta 'l-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontrih, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet legali ta 'tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa 'lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa 'Dok. "G";

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-2 ta 'Diċembru 2024, u fil-ġurnata ta 'qabel u cioè fl-1 ta 'Diċembru 2024, f'diversi ħinijiet differenti u f'diversi postijiet f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fħ'inijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Għamel inġurji u theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-eks sieħba tiegħu, u cioè Mandy Formston jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ 'il barra mil-limiti tal-provokazzjoni; (2) Permezz ta 'xi network jew apparat ta 'kommunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil eks sieħba tiegħu Mandy Formston, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih; U aktar talli nhar it-2 ta 'Diċembru 2024 bejn il-ħinijiet tas-06:15 a.m. (ta 'filgħodu) u s-06:45 a.m. (ta 'filgħodu) ġewwa l-Belt Valletta: (3) Volontrajament kiser il-paċi pubblika u/jew il-bon ordni b'għajjat u ġlied.

Huwa wieġeb li huwa ħati ta 'l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta 'tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta 'l-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta 'piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u għandu fedina penali netta.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(f), 18, 338(dd), 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(b)(ċ) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-multa ta' ħames mitt Euro (€500).

Kemm-il darba l-multa hawn imposta fuq l-imputat ma titħallasx minnu, japplikaw fil-konfront tiegħu l-provvedimenti ta' l-Artikolu 11(3) u t-tieni proviso ta' l-Artikolu 14 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Mandy Formston. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' sentejn (2) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, partikolarment fejn jirrigwarda l-wild minuri li l-imputat u Mandy Formston għandhom bejniethom, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

In vista tal-ħruġ ta' l-Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Mandy Formston, il-Qorti tastjeni milli tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 383 et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**